IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.2.2016
COM(2016) 90 final

ANNEX 1

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

PROTOKOLL
GĦALL-FTEHIM TA' SĦUBIJA U KOOPERAZZJONI LI JISTABBILIXXI SĦUBIJA BEJN IL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHOM, MIN-NAĦA L-WAĦDA,
U R-REPUBBLIKA TAT-TAĠIKISTAN, MIN-NAĦA L-OĦRA,
BIEX TITQIES L-ADEŻJONI
TAR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA
MAL-UNJONI EWROPEA

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAN-NETHERLANDS,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ

Il-Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Istati Membri",

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn ’il quddiem imsejħa "l-Unjoni", u

IL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA

min-naħa l-waħda,

U

R-REPUBBLIKA TAT-TAĠIKISTAN

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem flimkien imsejħa "l-Partijiet Kontraenti",

BILLI l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan min-naħa l-oħra, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", ġie ffirmat fil-11 ta' Ottubru 2004 fil-Lussemburgu;

BILLI t-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ġie ffirmat fid-9 ta' Diċembru 2011 fi Brussell;

BILLI, skont l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, l-adeżjoni tagħha mal-Ftehim għandha ssir permezz tal-konklużjoni ta' protokoll għall-Ftehim;

WARA LI KKUNSIDRAW l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013;

FTIEHMU KIF ĠEJ:

ARTIKOLU 1

Ir-Repubblika tal-Kroazja b'dan taderixxi bħala Parti mill-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra. Ir-Repubblika tal-Kroazja, bl-istess mod bħall-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni Ewropea, tadotta u tieħu nota tat-testi tal-Ftehim, u tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti, id-Dikjarazzjonijiet u l-Iskambji ta' Ittri annessi mal-Att Finali ffirmat fl-istess data.

ARTIKOLU 2

Fi żmien debitu wara l-inizjalar ta' dan il-Protokoll, l-Unjoni għandha tikkomunika l-verżjoni tal-lingwa Kroata tal-Ftehim lill-Istati Membri tagħha u lir-Repubblika tat-Taġikistan. Soġġett għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, il-verżjoni fil-lingwa Kroata għandha ssir verżjoni awtentika bl-istess kundizzjonijiet tal-verżjonijiet bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Netherlandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża, Żvediża u Taġika tal-Ftehim.

ARTIKOLU 3

Dan il-Protokoll jifforma parti integrali mill-Ftehim.

ARTIKOLU 4

1. Dan il-Protokoll jiġi approvat mill-Partijiet Kontraenti, skont il-proċeduri tagħhom stess. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri neċessarji għal dan l-għan. L-istrument ta' approvazzjoni jiġi ddepożitat mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
2. Dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data tad-depożitu tal-aħħar strument ta' approvazzjoni.

ARTIKOLU 5

Dan il-Ftehim huwa mfassal f'duplikat bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bl-Iżvediz, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bin-Netherlandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan, bl-Ungeriż u bit-Taġik, b'kull wieħed minn dawn it-testi ugwalment awtentiku.

B'XHIEDA TA' DAN, il-Plenipotenzjarji sottoskritti, debitament mogħtija s-setgħa għal dan l-effett,

iffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmul fi …, fi …jum ta' …tas-sena ...

GĦALL-UNJONI EWROPEA, IL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA U L-ISTATI MEMBRI

GĦAR-REPUBBLIKA TAT-TAĠIKISTAN